MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birgu

# Is-Sebgha Legislatura

# Laqgħa Numru 27

31 ta` Jannar 2017

Il-Kunsilli Lokali Birgu ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Berga ta` Franza, Triq Hilda Tabone Birgu fil-hamsa ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur John Boxall – Sindku
Is-Sur Trevor Mizzi – Viċi Sindku
Is-Sur Lawrene Attard – Kunsillier
Is-Sur Anton Gellel - Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sur Eman Zerafa - Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Lara Mascena – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku s-Sur John Boxall qal it-talba u ppresjeda l-laqgħa.

### Qari tal-ittri ta’ apoloġiji

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittra ta’ apoloġija ta` Sur Eman Zerafa u l-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġija.

## 27.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezentat il-Minuti tal-Laqgha Numru 25(07) u tal-Laqgha Numru 26(07) fejn gew approvati bi qbil unanimu.

<u>Punti Mqajjma mill-Minuti</u>

27.1.1 Is-Sur Gellel saqsa jekk il-Kunsill kitibx lis-Segretarjat ta` l-Onorevoli Dr. Justyne Caruana dwar il-fondi li l-Kunsill qed jitlob sabiex jitlestes ix-xoghlijiet li fadal. Dwar dan is-Sindku qal li l-Kunsill talab biex jinghatawlhu l-flus ghall-installazzjoni tal-lift. Is-Sur Boxall zied jghid li kien hemm ftehim li hekk kif tigi nnawgurata din il-learning hub, il-kontijiet ta` dawl u l-ilma jrid jibda jhallashom il-Kunsill. Is-Sur Boxall zied jghid li l-Kunsill diga beda jahdem fuq l-applikazzjoni tal-paneli u kompla billi qal li l-inginir irid jiehu stima ta` kemm ghandna bzonn paneli mhux ta` kemm qed nehlu fil-prezent imma ftit aktar u dan ghal fatt ghax aktar `il quddiem jaf jitwehhlu xi airconditions. *(Minuti 25(07) 25.1.1)*

27.1.2 Dwar l-istat ta` Triq l-Antika, is-Sur Gellel propona sabiex il-Kunsill jibghat jinforma lill-Ministeru tal-Onorevoli Joe Mizzi. Is-Sur Boxall ghal dan qal li xoghlijiet li jridu jsiru fi Triq Antika, huma xoghlijiet li jaghqu taht ir-responsabilita tal-Minsiteru tal-Onorevoli Dr. Owen Bonnici ghax ix-xoghol li jrid issir huwa parti mix-xoghlijiet tal-progett tal-pavimentar tal-Collachio. *(Minuti 25(07) 25.1.3)*

27.1.3 Gew prezentati xi kwotazzjonijiet ohra dwar l-installazzjoni tal-kameras fil-pjazza. Wara diskussjoni jekk il-Kunsill ghandhux jmur ghal camera b`wahda jew camera bi tlieta, il-Kunsill idecieda li ghandhu jmur ghal camera bi tliet. Is-Sur Gellel staqsa jekk il-flus ta` citazzjonijiet li ser jinghataw humiex ser jinghataw lill-Kunsill jew jibghqux ghand il-LESA. Dwar dan is-Sindku qal li l-Kunsill jiehu biss persentagg ta` citazzjonijiet li jinghataw. Dwar dan il-Kunsill qabel li ghandha ssir laqgha mas-Sur Ray Zammit dwar l-oservazzjoni tal-pjazza bil-kameras u dan sabiex jintlahaq kompromess mall-LESA biex il-flus tal-installazzjoni jinqasmu bejn iz-zewg partijiet. *(Minuti 25(07) 25.1.4)*

27.1.4 Is-Sur Boxall informa lil dawk prezenti li dwar l-iskema tal-restaw tal-faccata,kien hemm xi tibdil u li l-Kunsill qed jistenna xi instruzzjonijiet dwar kif il-Kunsill ser ikun involut f`din l-iskema u ta` ghajnuna ghar-residenti. *(Minuti 25(07) 25.4)*

27.1.5 Is-Sur Boxall informa lil dawk prezenti li l-wirja tal-arti li ser titella mill-artista C.S.Lawrence ser tiftha f`Hadd il-Palm fil-hdax ta` filghodu. *(Minuti 26(07) 25.2.5)*

27.1.6 Dwar il-bini ta` dar tal-anzjani fil-lokalit tal-Birgu, is-Sur Gellel issugerixxa li jekk il-Kunsill ser jibghat xi korrispondenza lill-Ministru tal-Edukazzjoni dwar l-iskola sekondarja Lorenzo Gafa, jigi ssugerriet li dan il-progett jidhol ghalih il-Gvern flimkien mal-privat u dan ghal fatt li l-anzjani tal-lokalita m`humiex sta bene bizzejjed biex ihallsu ghal dar tal-anzjani privata. Dwar dan is-Sindku ssugeriexa li tintalab laqgha mall-Onorevoli Ministru Evarist Bartolo fejn jinforma lill-istess Ministru dwar il-Kunsill x`jixtieq u x`qieghed jipproponi. *(Minuti 26(07) 26.2.8)*

27.1.7 Dwar korrispondenza li l-Kunsill ircieva minghand is-Segretarju tal-Kumitat Festi Esterni San Lawrenz sabiex jerga` jirrivedi talba li l-Kunsill kien ghamel sabiex jintaqqas l-ammont ta` erbghin ewro mill-kont li ntbghat lill-Kunsill meta sar ix-xoghol tal-arbli, wara diskussjoni l-Kunsill unanimament qabel li ma jilqax it-talba tal-Kumitat u jitnaqssu l-erbghin ewro. *(Minuti 26(07) 26.2.15)*

## 27.2 Korrispondenza

27.2.1 Il-Kunsill Lokali tal-Birgu rcieva invit mill-belt ta` Vigonovo sabiex delegazzjoni mill-Kunsill titla` fil-belt ta` Vigonovo sabiex jibda l-process tal-gemellagg. Is-Sur Boxall propona li din iz-zjara ghandha ssir fix-xahar ta` Mejju. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

27.2.2 Il-Kunsill Lokali tal-Birgu rcieva talba minghand is-Sinjura Bernice Buhagiar sabiex tuza l-ewwel sular tal-Berga ta` Franza waqt l-attivita tal-Birgufest 2017 sabiex itella esebizzjoni tal-arti. Dwar dan il-Kunsill qabel unanimament u approva talba tas-Sinjura Buhagiar.

27.2.3 Mibughta l-Membership fee tal-ALDA sabiex din tigedded ghas-sena 2017. Il-hlas ta` din il-membership hija ta` tlett mitt ewro. Dwar dan kien hemm qbil unanimu sabiex din il-fee tigi mhallsa.

27.2.4 Mibughta l-Membership fee tal-AVEC sabiex din tigedded ghas-sena 2017. Il-hlas ta` din il-membership hija ta` hames mitt ewro. Dwar dan kien hemm qbil unanimu sabiex din il-fee tigi mhallsa.

27.2.5 Il-Kunsill Lokali tal-Birgu rcieva ittra minghand is-Socjeta Storiko Kulturali Vittoriosa dwar il-parkegg fil-pjazza kif inhuwa fil-prezent, fejn dan il-parkegg kellhu jkun temporanju imma sfortuntament baqa` hekk. Kif ukoll dwar il-parkegg tal-karrozza tal-linja li qieghed jaghti l-munument tal-Vitorja. Dwar dan is-Sindku ssugeriexa li l-parkegg ta` tal-linja ghandhu jsir fejn kien origenjament snin ilhu man-naha tal-bankina. Mill-flus tal-UIF, il-Kunsill jista` jitulizhom sabiex jixtri xi bankijiet wara li l-istess bankina titwesa zewg metri u nofs u jigu nstallati l-bankijiet godda. Is-Sur Mizzi qal jekk hux viabli li jsir dan ix-xoghol meta l-Kunsill jaf li minn zmien ghal zmien ser issir il-progett tal-pjazza bil-pavimentar. Wara diskussjoni dwar dak propost mis-Sindku, gie deciz li ghandu jibda l-process sabiex titwesa l-bankina. Ghal proponiment tas-Sindku, issekonda Trevor Mizzi u kien hemm qbil unanimu.

27.2.6 Mibughta ittra mis-Sur Alexander Abela sabiex il-Kunsill Lokali tal-Birgu jikkunsidra sabiex iwaqqaf bust ta` s-Sur Lino Bugeja. Is-Sur Boxall qal li l-Kunsill wiegeb ghal din il-korrispondenza fejn gharraf lis-Sur Abela li minhabba l-kwistjoni ta` finanzi, l-Kunsill mhux f`pozizzjoni li jhallas imma jekk ikun hemm xi forma ta` ghajnuna finanzjarja , il-Kunsill lest li jaghti l-approvazzjoni tieghu wara li tigi ddiskusa.

## 27.3 Birgufest 2017

Is-Sur Boxall informa lil dawk prezenti li kellhu laqgha mas-Sur Andrew Agius Muscat dwar l-attivita tal-Birgufest 2017. Is-Sur Boxall zied jghid li huwa stieden lis-Sur Muscat sabiex ikun prezenti waqt din il-laqgha fejn sfortunament l-istess Kunsill ma rcieva l-ebda risposta lura. Is-Sindku kompla jghid li waqt laqgha li saret mas-Sur Muscat, hargu diversi ideat fejn is-Sur Muscat propona li jsir tieg ritwali indjan fl-attivita tal-Birgufest, fejn ghal ispejjez ta` dan it-tieg, hemm xi imprenditur li lest jidhol ghal din l-ispiza. Giet diskussa wkoll l-ideja li jsir kuncert minn kompozitur/surmast Taljan waqt din l-attivita. Is-Sur Boxall propona li l-ahjar haga hija li ssir laqgha mas-Sur Muscat fil-prezenza tal-Kunsilliera biex jigu diskussi dawn il-punti u b`hekk il-Kunsill ikun jista` jiddeciedi. Kien hemm qbil unanimu.

## 27.4 Rendikont tal-attivita tal-Inawgurazzjoni tal-Pittura bl-isem "*Peace in Birgu*"

Is-Sur Boxall informa lil dawk prezenti li l-ispiza ghall-din l-attivita kienet ta` madwar erbgha t`elef, ewro fejn ammont sostanzjali tal-ispejjez kien id-dawl li nxtara. Is-Sur Boxall zied jghid li hafna mill-ispejjez gew imhallsa minn donazzonijiet.

## 27.5 Decizjoni dwar l-ghazla ta`mpjieg ta` skrivan/a fuq bazi part time mall-Kunsill

Wara li saru l-intervisti ta` dawk l-applikanti li kienu elegibbli, fuq kunsiderazzjoni tal-bord tal-ghazla li kien maghmul mis-Sindku, is-Sur John Boxall, il-Kunsillier is-Sur Anton Gellel u tas-Segretarju Ezekuttiv is-Sinjura Lara Mascena, il-Kunsill qabbel mal-ghazla tal-bord u gie deciz li l-Kunsill jimpjega lis-Sur Jonathan Elsworth.

## 27.6 Performance Bonus tal-impjegati tal-Kunsill

Is-Sindku prezenta ghal approvazzjoni tal-Kunsill, l-appraisal tal-haddiema klerikali ppreparati mis-Segretarja Ezekuttiv sabiex fuqhom jigi approvat il-peroformance bonus. Wara li gew diskussi, is-Sindku, s-Sur John Boxall propona li l-performance bonus ghandha jinghata hekk:

- Is-Sinjorina Marisabel Spiteri (Skrivana Full Time) tinghata 4%

- Is-Sinjorina Naomi Zammit (Skrivana Full Time) tinghata 4%
- Is-Sinjura Antonia Belfiore (Segretarju Ezekuttiv) tinghata 6%
- Is-Sinjura Lara Mascena (Ufficjal Ezekuttiv) tinghata 5.5% tal-ewwel sitt xhur tas-sena u tal-ahhar sitt xhur tas-sena tinghata 9% tax-xoghol taghha bhala Segretarju Ezekuttiv

Dwar l-appraisal tas-Sinjorina Mireille Tanti li kienet skrivana (part time) mall-Kunsill Lokali tal-Birgu, fuq parir tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali, il-Kunsill idecieda li ma jaghtix performance bonus lis-Sinjorina Mireille Tanti u dan ghal diversi ragunijiet u agir li sar mis-Sinjorina Tanti matul iz-zmien li kienet impjegata mall-Kunsill. Dwar l-appraisal tas-Sinjura Ethel Zammit, il-Kunsill idecieda li jaghti s-Sinjura Zammit 3% u l-istess Kunsill qed jitlob li ghandhu jinaghtawlu l-flus lura ta` dawk il-hinijiet kollha li tiehdu bhala break minghajr ma hadmet ghalihom.

Il-Kunsill approva unanimament il-proposta tas-Sindku, s-Sur John Boxall rigward il-performance bonus tal-impjegati ghas-sena 2016.

## Komunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li kull ittra li qed jikteb dwar il-hsarat ta` dawl ta` toroq qed jikteb dirett il-kuntrattur u jikkopja lid-Direttur tar-Restoration Unit, il-Perit Norber Gatt u lill-Perit Mario Ellul u dan ghal fatt li meta dawl jghaddi f`idejn il-Kunsill Lokali tal-Birgu ser jghaddi ghandhu minghand il-kuntrattur u mhux mill-periti jew Restoration Unit.

Is-Sindku, s-Sur John Boxall qal li hemm bzonn issir meeting mal-inginner Renzo Curmi dwar il-paneli tal-Berga ta` Franza, fejn il-Kunsill jixtieq jiccekja ghala l-paneli mhux qed ilehhqu mall-ammont li qed jahli l-Kunsill. Is-Sur Boxall qal li ahjar jittiehed parir x`l-ahjar li jsir. Barra minn hekk inghatat spejgazzjoni kif il-kontijiet tal-Berga ta` Franza ghadhom qed johorgu fuq il-Government Property Department u f`liema process wasal il-Kunsill biex dawn il-kontijiet jinqalbu fuq ismhu.

Is-Sur Boxall informa lil dawk prezenti li waqt laqgha li kellhu mall-Onorevoli Dr. Stefan Buontempo, is-Sur Boxall talab l-ghajnuna tas-Segretarju Parlamentari sabiex jghin lill-Kunsill finanzjarjament sabiex issir ir-restawr tal-kamra li hemm fil-genb tas-Sala Nobile fil-Berga ta` Franza. Dwar dan is-Sur Boxall qal li gie mitlub jibghat stima ta` kemm ser jigi jiswa dan ir-restawr.

Is-Sur Boxall informa lil dawk prezenti dwar laqgha li saret ma` Dr. Noel Bartolo dwar il-kwistjoni tal-progett Seatoland, fejn il-Kunsill spjega is-sitwazzjoni kif inhi lil Dr. Bartolo u fejn il-Kunsill gie mitlub jibghat id-dokumenti kollha. Il-Kunsill Lokali tal-Birgu ghadu qed jistenna risposta minn Dr. Bartolo.

Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li l-haddiema tal-Community Workers Scheme m`humiex qed icemplu lilhu meta jkunu lesti minn bicca xoghol jew meta jkunu lestew ix-xoghlijiet u jaqbdu u jitilqu minghajr ma javzaw. Dwar dan l-agir is-Sindku

jinsab urtat u hemm bzonn ikun hemm aktar kontroll. Is-Sur Gellel qal li hemm bzonn issir programm tax-xoghlijiet minn gurnata qabel.

Is-Sur Boxall gharraf lil kunsilliera li hemm problema tal-filing, fejn hemm hafna karti li ghad iridu jigu postati f`posthom. Dwar dan is-Sindku propona li l-filing jrid jsir fi zmien hmistax u dan sabiex jitnaqqas ir-riskju li tintilef xi karta u biex ikun aktar facli biex wiehed isib xi dokument. Dwar dan kien hemm qbil unanimu biex tinghata data meta dan ix-xoghol ghandhu jkun lest.

## 27.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

Is- Sindku, is-Sur John Boxall, ressaq ghall-approvazzjoni l-Iskeda tal-Pagamenti li tkopri c-cekkijiet bin-numri, BOV 3337 – 3373 u HSBC cekkijiet numru 9622 – 9623 . Il-Kunsill approva b'mod unanimu l-Iskeda ta' Pagamenti ddatata l-14 ta' Jannar, 2017 sal-31 ta` Jannar, 2017.

## 27.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa intemmet fit-tmienja u kwart ta` filghaxija (8:15pm)u ġiet aġġornata l-laqgha Nru 28 ghat-Tlieta 14 ta' Frar 2017 fil-hamsa ta` filghaxija (5:00pm)

Konfermati, illum 14 ta` Frar 2017

| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
|---|---|
| John Boxall<br>Sindku | Lara Mascena<br>Segretarju Eżekuttiv |